Kulleġġ Maria Reġina

Kreattiv, Innovativ, Professjonali

# Kulleġġ Maria Reġina
# Skola Primarja A, il-Mosta

## Ktejjeb ta' Informazzjoni



# It-Tfal Jiġu l-Ewwel

**Kulleġġ Maria Reġina**
**Skola Primarja A, il-Mosta**



*Fejn it-tfal jiġu l-ewwel*

# Il-Viżjoni tal-Iskola

Il-viżjoni tagħna hi li noħolqu l-aħjar ambjent għat-tagħlim, biex b'hekk l-abiltà ta' kull student u studenta tkun apprezzata u żviluppata.



# Il-Missjoni tal-Iskola

It-tfal huma uniċi. Id-deċiżjonijiet kollha li jittieħdu mill-iskola flimkien mal-ġenituri jkunu fl-interess tat-tfal. Dan iwassal għall-iżvilupp sħiħ ta' kull tifel u tifla f'ambjent trankwill, ferrieħi, stimulanti u ta' għożża.



# Kontenut

Il-viżjoni tal-iskola — p.2

Il-missjoni tal-iskola — p.3

Informazzjoni utli — p.5

L-Istruttura tal-Iskola u l-Amministrazzjoni — p.5 - 7

L-Uniformi—p.8

Ġurnata tipika tal-Iskola — p.9

Tfal li jaslu tard — p.9

Attendenza — p.10

*Birthdays* — p.10

L-Iġjene Personali — p.11

Lunches—p. 11

Inviti—p.11

Trasport— p.11

Kommunikazzjoni— p.12

Ġbir ta' flus— p.12

Materjal Legali — p.12

Kundizzjonijiet Mediċi— p.13

Dmirijiet tal-Ġenituri — p.13

Drittijiet u Dmirijiet tal-Istudenti — p.14

Xogħol għad-Dar — p.15

Reġistrazzjoni ta' studenti ġodda – p.16

Appuntamenti — p.16

Appendiċi — p.17—21

**Informazzjoni Utli**

| | |
|---|---|
| Numri tat-Telefon: | 2598 6600 (l-Iskola Primarja) |
| | 2598 6810 (il-Kinder Annexe) |
| Ittre: | mrc.mosta.pra@ilearn.edu.mt |
| Websajt: | mrcmostaprimarya.wordpress.com |
| *Facebook*: | Mosta Primary A School |

**L-Istruttura tal-Iskola u l-Amministrazzjoni**

| | |
|---|---|
| **Prinċipal tal-Kulleġġ** | is-Sur Patrick Decelis |
| **Kap tal-Iskola** | is-Sa Antonella Ferrante |
| **Assistenti Kapijiet** | is-Sa Marisa Bonello |
| | is-Sa Nadia Bonniċi |
| | is-Sa Romina Buttiġieġ |
| | is-Sur Alan Camilleri |
| | is-Sur Mario Schembri |
| | is-Sa Cynthia Xuereb |

**Segretarji**

| | |
|---|---|
| **Segretarja (Skola Primarja)** | is-Sa Susanne Psaila |
| **Skola Primarja, *Reception*** | is-Sur Jason Buhagiar |
| **Segretarja (Annexe)** | is-Sa Jacqueline Farrugia |

## Klassijiet

| Sena | Numru ta' Klassijiet | Numru tal-Kamra |
|---|---|---|
| **Kinder 1 (Annexe)** | 1.1/1.19 | Room 2 |
| | 1.2/1.3 | Room 3 |
| | 1.4/1.5 | Room 5 |
| | 1.6/1.7 | Room 6 |
| | 1.8/1.9 | Room 7 |
| | 1.10/1.12 | Room 8 |
| | 1.11 | Room 11 |
| | 1.13/1.14 | Room 12 |
| | 1.15/1.16 | Room 4 |
| | 1.17/1.18 | Room 13 |
| **Kinder 2 (Annexe)** | 2.1/2.2 | Room 9 |
| | 2.3/2.4 | Room 10 |
| **Kinder 2 (Main)** | 2.5/2.6 | Room 3 |
| | 2.7 | Room 103 |
| | 2.8 | Room 8 |
| | 2.9 | Room 17 |
| **L-Ewwel Sena** | 1.1 | Room 16 |
| | 1.2 | Room 15 |
| | 1.3 | Room 14 |
| | 1.4 | Room 13 |
| | 1.5 | Room 12 |
| **It-Tieni Sena** | 2.1 | Room 30 |
| | 2.2 | Room 31 |
| | 2.3 | Room 33 |
| | 2.4 | Room 34 |
| **It-Tielet Sena** | 3.1 | Room 36 |
| | 3.2 | Room 44 |
| | 3.3 | Room 45 |
| | 3.4 | Room 43 |
| | 3.5 | Room 42 |

**Membri oħra tal-Istaff**

L-iskola għandha tliet għalliema li jipprovdu għajnuna kumplimentari lit-tfal li għandhom bżonn din l-għajnuna.

Fl-iskola għandna ukoll 'nurture group' li jgħin tfal bi problemi ta' mġieba jew ta' natura emozzjonali għat-tfal tal-primarja

Numru t'għalliema speċjalizzati jagħtu ukoll lezzjonijiet partikolari lit-tfal fil-Mużika, Arti, PE, PSCD (għat-tfal tat-Tielet Sena biss) u Xjenza.

Il-bżonnijiet psikosoċjali tat-tfal jieħdu ħsiebhom tim ta' nies fil-kulleġġ kif ukoll nies fid-Dipartiment għas-servizzi lill-istudenti.

L-iskola għandha servizzi ta' sapport oħra li jinkludu speech therapist, early intervention u school based occupational therapy (SBOT).

**Il-Kunsill tal-Iskola**

| | |
|---|---|
| **President** | is-Sa Pauline Cassar |
| **Segretarja/Teżoriera** | is-Sa Antonella Ferrante |
| **Għalliema Membri** | is-Sa Anna Bugeja |
| | is-Sa Kristina Catania |
| | is-Sa Keziah Fenech |
| **Ġenituri Membri** | is-Sa Diane Bugeja Desain |
| | is-Sur Bernard Busuttil |
| | is-Sa Amy Fenech Zarb |

# L-Uniformi tal-Iskola

Mill-uniformi kull student jingħaraf mil-liema Kulleġġ u skola jappartjeni. L-uniformi tal-iskola tagħti sens ta' identità u kunfidenza. Kull biċċa mill-uniformi għandu jkollha **l-isem u l-kunjom tal-istudent**.

**L-Uniformi għall-istudenti fil-Kindergarten:**

- Qalziet tat-Treksjut, Crew Neck fix-Xitwa
- Flokk tal-PE/Polo Top bil-kmiem qosra u xorts tas-sajf
- Kalzetti Bojod
- Papoċċ abjad bil-velcro

| Xitwa | Sajf | PE Kit |
|---|---|---|
| Polo Top bil-kmiem twal<br>Qalziet tat- Treksjut<br>Ġakketta tat-Treksjut<br>Anorak<br>Kalzetti/Tajts bojod<br>Żarbun abjad | Polo Top bil-kmiem qosra<br>Xorts<br>Kalzetti Bojod<br>Żarbun abjad | Treksjut<br>Xorts tal-PE<br>T-shirt tal-PE<br>Beritta<br>Kalzetti Bojod<br>Papoċċ Abjad bil-velcro |




## Aċċessorji

- Kull tip ta' aċċessorju tax-xagħar irid ikun <u>iswed jew blu</u>.
- Ingwanti jew xalel iridu jkunu <u>blu</u>.
- Għal raġunijiet ta' sigurtà l-imsielet jistgħu jkunu buttun biss.
- Ġojjellerija oħra m'hix aċċettata.
- *Make-up* u *nail polish* mhux permessi.
- L-istili tax-xagħar għandhom ikunu adattati għall-iskola.
- Xagħar twil għandu dejjem ikun miġbur.

# Ġurnata tipika tal-Iskola




## Dħul u Ħruġ (l-Iskola Primarja - Main School)

| Ħin tad-dħul | Kinder 2 | Year 1, Year2, Year 3 |
|---|---|---|
| 8:30 am | Bieb Prinċipali | Daħla tal-Breakfast Club |
| Studenti tat-trasport jidħlu mid-daħla tal-Breakfast Club.<br>Breakfast Club jibda mis-7:00 am. | | |

| Ħin tal-Ħruġ | Bieb Priċipali |
|---|---|
| 2:20 pm | Kinder 2, Year 1, Year 2 u Year 3 (f'din l-ordni) |
| • Studenti tat-trasport joħorġu mid-daħla tal-Breakfast Club fis-2:20 pm.<br>• Il-Ġenituri għandhom ikunu fuq il-pickup points fis-2:30 pm.<br>• Il-vannijiet ma jistgħux jitħallew jistennew.<br>• Studenti tal-Klabb 3-16 jinġabru mid-daħla tal-Breakfast Club mit-2:45 pm. | |

## Dħul u Ħruġ (Annexe)

| Ħin tad-dħul | Ħin tal-Ħruġ | Breakfast Club | Klabb 3-16 |
|---|---|---|---|
| 8:15 am | 2:00 pm | Dħul mis-7:00 am | Jinġabru mis-2:30 pm |

L-istudenti li jiġu l-iskola mal-ġenituri għandhom jistennew barra l-bieb tal-iskola u jidħlu fit-8.15 am (Annexe) u fit-8.30 am (Main School).

**Biex student jitħalla jmur ma' persuni oħra, il-ġenitur/kustodju jrid jinforma lill-iskola u jagħti bil-miktub ittra fejn tawtorizza lil dawn il-persuni u jitniżżel l-isem u n-numru tal-identità tagħhom. Il-persuni li huma awtorizzati biex jiġbru t-tifel/tifla għandhom jippreżentaw il-karta tal-identità.**

# Tfal li jaslu tard

Il-Ġenituri /kustodji huma mistennija li jġibu l-uliedhom l-iskola fil-ħin.

**Dan huwa dritt tat-tfal. Ikun hemm konsegwenzi għal dawk li jaslu tard b'mod regolari.**

## Attendenza

**L-iskola hija obbligatorja għal dawk it-tfal li għalqu l-ħames (5) snin.**

- Intom il-ġenituri/kustodji għandkom tippreżentaw nota (ara appendiċi 3) jew ittre fuq mrc.mosta.pra@ilearn.edu.mt lill-għalliema/ Kap tal-Iskola fejn tridu tagħtu r-raġuni għaliex it-tifel tagħkom ma setax jattendi l-iskola. Intom mitluba li, fejn hu possibbli, tipprovdu dokumenti li jivvalidaw ir-raġuni mogħtija.

- Jekk il-ġustfikazzjoni tan-nuqqas ta' attendenza ma tiġix aċċettata mill-Kap tal-iskola t-tfal jitniżżlu bħala **assenti**. Meta t-tfal ifallu għal aktar minn tlett (3) ijiem f'xahar mhux konsekuttivi, jew meta jgħaddu **disat (9) ijiem** f'aktar minn xahar, mingħajr ma tingħata raġuni valida tal-assenza tat-tfal, jittieħdu aktar miżuri.

- Jekk it-tfal tagħkom mhux jattendu skola għax jinsabu ma jifilħux, **ċertifikat mediku flimkien mal- medical certificate record card (MCRC) iffirmat mit-tabib** għandu jiġi ppreżentat f'kas li t-tfal ikunu morda **aktar minn jumejn wara xulxin**.

- Jekk it-tifel ikun ma jiflaħx għal inqas minn jumejn, nota bil-miktub tkun biżżejjed. Madanakollu, il-Kap tal-Iskola tista' titlob ċertifikat mediku għal inqas minn jumejn meta din tara li jkun fl-aħjar interess tat-tfal. Iċ-ċertifikat mediku għandu jiġi ppreżentat meta t-tifel jirritorna l-iskola.

- Studenti li jmorru btala waqt il-jiem tal-iskola jitniżżlu bħala **assenti**. Huwa biss f'każijiet fejn l-istudent ikun mistieden biex jagħmel żjara b'għan edukattiv li se jingħata l-permess wara li d-dokumenti meħtieġa jiġu ppreżentati lill-iskola. F'każ ta' safar bħala familja minħabba raġuni valida (eż funerali, raġuni medika, tiġijiet ta' qraba ġenituri/aħwa), għandu jintalab permess bil-miktub mingħand il-Kap tal-iskola.

- F'każ ta' btajjel itwal minn 15-il ġurnata skolatiska, approvazzjoni trid tinġieb mill-uffiċċju Nazzjonali tas-Serivizzi u Sapport għall-Istudenti (NSSS). Kellmu lill-Kap tal-iskola għall-aktar dettalji.

## Birthdays

Meta t-tfal jagħlqu sninhom hija ġurnata speċjali għalihom. Dakinhar it-tfal jistgħu jiġu l-iskola libsin *casual* (mhux bl-uniformi). Tistgħu tibagħtu ***cupcakes*** ippakkjati **b'mod individwali**.

## Iġjene Personali

- It-tfal irid ikollhom il-pakketti tal-imkatar tal-karti (tissues) tagħhom u mkatar tal-karti li jkun fihom likwidu kontra l-mikrobi (antibacterial wet wipes).
- It-tfal iridu jkunu jafu jaqdu l-bżonnijiet tagħhom mingħajr għajnuna (**fully toilet trained, mhux potty trained**) qabel ma jibdew jattendu l-iskola.
- Assistenti mqabbda mid-Dipartiment tas-Servizzi Edukattivi xi drabi jiġu l-iskola biex jiċċekjaw xagħar it-tfal. Lill-ġenituri tat-tfal li f'xagħarhom jinstabilhom il-qamel tintbagħtilhom ittra d-dar mill-iskola biex tinforma lill-ġenituri. L-istudent ma jistax jattendi l-iskola qabel ma jingħata ċertifikat mill-istess assistenti li t-tfal huma nodfa. L-iskola ċċempel lill-ġenituri biex it-tfal jinġabru minnufih.
- Importanti li t-tfal jinħasslu kuljum.
- Basktijiet, fliexken tal-ilma u lunchboxes għandhom jinżammu nodfa.

## Lunches

- L-Iskola ssegwi r-regolamenti tas-saħħa (ara Appendiċi 1).
- L-ikel tat-tfal irid ikun mill-aktar sustanzjuż. Tajjeb li l-istudenti jieklu ħobż, frott u ħaxix (karrotti, tadam, ħjar u oħrajn) u jixorbu l-ilma.
- Mhux permess li t-tfal iġibu ħelu, pakketti, xorb mimli zokkor jew xi ilma bil-kulur. Dawn l-affarijiet jiġu konfiskati.
- It-tfal jistgħu jġibu biss kaxxi tal-ikel u flixken tal-plastik li jkollhom l-isem fuqhom.
- L-Iskola tieħu sehem fl-Iskema tal-Frott u Ħaxix u t-tfal jingħataw porzjon żgħir kull ġimgħa. Il-ġenituri huma mitluba jimlew il-formola li tingħatalhom u jirritornawha lura l-iskola. **Huwa importanti ħafna li tgħidulna jekk it-tfal għandhomx xi allerġiji.**

## Inviti

Mhux permess li jitqassmu inviti fil-klassi għall-festini. Affarijiet li m'għandhomx x'jaqsmu mal-iskola jibqgħu barra mill-iskola.

## Trasport

Għal raġunijiet ta' sigurtà, il-ġenituri huma ġentilment mitluba biex jimxu mas-sinjali tat-traffiku ta' ħdejn l-iskola. L-ipparkjar ħdejn l-iskola huwa ristrett skont il-ħinijiet imniżżla fis-sinjali tat-triq

## Trasport tal-Iskola

Min irid juża t-trasport irid japplika onlajn jew imur il-one stop shop il-Furjana.

## Komunikazzjoni

- Ċirkularijiet biex jinfurmaw lill-ġenituri dwar xi avvenimenti li jkunu se jsiru l-iskola jintbagħtu b'-ittre (e-mail).
- Il-ġenituri jiġu nfurmati dwar il-ħarġiet tal-iskola u tintbagħat formola ta' kunsens. **It-tfal jibqgħu l-iskola jekk ma jkollhomx l-ittra tal-kunsens iffirmata mill-ġenituri.** Il-flus u l-karta tal-kunsens iridu jaslu fil-ħin. Tfal li ma jmorrux għall-ħarġa għax ikunu morda, jingħataw lura l-flus tal-ħarġa (meta possibbli) imma mhux tat-trasport.
- L-għalliema, l-KGEs u l-LSEs jikkomunikaw mal-ġenituri bl-użu ta' notebook, djarju jew il-*Communication Book.* L-MS Teams jintuża biss bħala notice board u **chat** mal-għalliema mhux permess.
- **Ta' kuljum, il-ġenituri għandhom ifittxu fil-basktijiet ta' wliedhom u fil-*folders* u jaraw hemmx xi ċirkulari jew xi noti.**
- Il-ġenituri huma mħeġġa jiddiskutu xi problemi mal-Amministrazzjoni tal-iskola. Jekk hemm problema kellmu lill-Assistenti Kapijiet jew il-Kap tal-iskola. Tistgħu ukoll titolbu appuntament billi tibagħtu email fuq mrc.mosta.pra@ilearn.edu.mt.
- Il-ġenituri m'għandhomx jitkellmu mal-għalliema fil-bieb jew barra mill-iskola.
- Ma jistgħux jingħaddu telefonati lill-għalliema.

## Ġbir ta' flus

- Kultant żmien għall-ieħor l-iskola tiġbor flus għal raġunijiet varji.
- Il-flus iridu jiġu l-iskola f'envelop magħluq (possibilment diġà użat), bl-isem u l-klassi tat-tifel/tifla u ta' xiex inhuma l-flus (eż: Ms Maria Borg, Y2.1, Ħarġa Ta' Qali).
- Waħħlu l-formola tal-kunsens fuq barra tal-envelop.
- **Jekk jogħġobkom ibagħtu flus eżatt.**
- Poġġu enveloppi ssiġillati, flimkien mal-formola tal-kunsens, fil-folder tal-plastik.

## Materjal Legali



Huwa importanti li l-iskola tkun infurmata b'sitwazzjonijiet fil-familja bħal:

- separazzjoni jew divorzju
- meta t-tfal joqogħdu ma' / u jieħdu ħsiebhom nies li mhumiex il-ġenituri tagħhom.
- meta jsiru arranġamenti familjari li jistgħu jaffetwaw l-imġiba tat-tfal
- F'kull każ iridu jiġu pprovduti dokumenti legali biex l-iskola taġixxi skont il-kundizzjonijiet stipulati f'dawn id-dokumenti.
- **Din l-informazzjoni tinżamm b'mod konfidenzjali.**

## Kundizzjonijiet Mediċi

Importanti li tavżaw lill-iskola b'xi kundizzjoni medika tat-tfal (bħal ażżma, epilessija, allerġiji, dijabete u oħrajn) li tista' taffettwa lit-tfal waqt li jkunu l-iskola. B'dan il-mod l-iskola tkun ippreparata f'każ li jinqala' xi ħaġa. Din l-informazzjoni tinżamm b'mod mill-aktar konfidenzjali.

Il-gvern jipprovdi servizz ta' ners għal tfal li jkollhom bżonn jieħdu xi mediċini jew għandhom bżonn ta' interventi mediċi oħra. L-applikazzjoni għal dan is-servizz tinġabar mill-iskola.

**IT-TFAL MORDA GHANDHOM JINŻAMMU D-DAR.**

**Jekk it-tfal qed jisogħlu, għandhom griżmejhom juġgħuhom, imneħirhom iniżżel u mhux ċar, għandhom id-deni, qed jirremmettu jew diarrhoea, xi raxx jew xi kundizzjoni oħra m'għandhomx jintbagħtu l-iskola qabel ma tabib jiċċertifika li jistgħu jiġu l-iskola.**

### Dmirijiet tal-Ġenituri

Huwa importanti ħafna li l-Iskola timxi id f'id mal-ġenituri għall-ġid tat-tfal li qegħdin taħt il-ħarsien tagħna. Għal dan il-għan il-ġenituri huma mistennija li:

- jaraw li wliedhom jorqdu kmieni u li jkunu nodfa.
- jiċċeckjaw il-basket tal-iskola kuljum u jaraw jekk ikunx hemm xi nota jew ċirkolari.
- jgħinu u juru interess fl-edukazzjoni ta' wliedhom billi jaraw ix-xogħol tal-iskola għad-dar, l-istudju, ir-reviżjoni u l-qari.
- jaqraw lit-tfal kuljum jew ta' spiss.
- jattendu l-attivitajiet tal-iskola.
- jaraw li t-tfal jiġu l-iskola bl-uniformi sħiħa u nadifa.
- jaraw li jiġu l-iskola fil-ħin.
- jiġu biss għat-tfal qabel il-ħin li tispiċċa l-iskola f'każ ta' emerġenza jew raġuni valida.
- jifhmu li għas-sigurtà tat-tfal u tal-għalliema, ħadd ma jista' jidħol fil-klassijiet bla permess.
- ikunu disponibbli li jinqabdu bit-telefown.

## Drittijiet u Dmirijiet tal-Istudenti

### Drittijiet

- trattat b'dinjità, rispett u kortesija.
- informazzjoni personali għandha tinżamm b'kunfidenzjalità.
- ikkonsidrat bħala individwu b'sigurtà f'kull waqt tal-iskola.
- il-membri tal-istaff qegħdin hemm biex jgħinu f'kull diffikultà.
- provdut b'tagħlim effettiv u pożittiv.
- infurmat b'kull progress li jkun qiegħed isir.
- infurmat b'deċiżjonijiet li l-iskola tkun qed tħejji.
- l-affarijiet personali jiġu ir-rispettati.

### Responsabbiltajiet

- kull membru tal-Iskola għandu jkun trattat b'dinjità, b'rispett u b'kortesija.
- ikun lest li jisma' l-opinjonijiet ta' ħaddieħor.
- jieħu vantaġġ mill-opportunitajiet edukattivi li jiġu provduti f'kollaborazzjoni mal-għalliema tal-klassi.
- L-għajnuna qiegħda hemm—jistaqsi għaliha meta jkun hemm il-bżonn.
- jisma' minn dak li jgħidu l-għalliema u jaħdem biex jara progress.
- iġorr fuqu uniformi pulita u jżomm lilu nnifsu smart.
- iżomm l-ambjent tal-iskola nadif.
- jibża' għall-affarjiet tiegħu u dawk ta' ħaddieħor.
- jobdi r-regoli tal-iskola (ara Appendiċi 2).

**Xogħol għad-Dar**

Dawn li ġejjin huma rakkomandazzjonijiet fuq kemm l-istudenti għandhom iqattgħu ħin jagħmlu l-HW kuljum (National Homework Policy 2018):

**<u>Kindergarten</u>**

L-ebda xogħol m'għandu jingħata f'dan l-istadju għalkemm il-Kindergarten Educators jistgħu jirrakkomandaw riżorsi li jistgħu jgħinu lit-tfal fit-tagħlim bikri—eż: logħob, attivitajiet, djalogu, qari u riċerka flimkien. Huwa importanti li aktar ma l- ġenituri jinvolvu ruħhom fl-edukazzjoni tat-tfal f'dan iż-żmien iktar ikun hemm żvilupp mgħaġġel fil-ħakma tal-ħiliet bażiċi. Il-qari regolari, l-isport, l-attività fiżika u attivitajiet kulturali huma rakkomandati.

**<u>L-Ewwel u t-Tieni Sena</u>**

Il-qari ma' u lit-tfal kuljum huwa importanti ħafna. Sal-aħħar tat-Tieni Sena l-ammont ta' HW m'għandux jaqbeż l-**għoxrin minuta** kull ġurnata.

**<u>It-Tielet Sena</u>**

Sat-Tielet Sena, l-ammont ta' HW m'għandux jaqbeż **tletin minuta** kull ġurnata.

**Jekk student jiġi mingħajr HW se jittieħdu dawn il-passi:**

- Tintbagħat ittra lill-ġenituri
- Issir laqgħa bejn l-istudent, l-għalliem u l-ġenitur/i
- J/Tiġi nfurmat/a l-Assistent Kap

**Meta student ikun ma jiflaħx, ix-xogħol għad-dar jingħata meta l-istudent jirritorna l-iskola. F'każ li l-istudent ikun se jfalli fit-tul, isiru arranġamenti mal-ġenituri/kustodji, l-għalliema u l-amministrazzjoni.**

## Reġistrazzjoni ta' studenti ġodda fil-Kinder

L-iskola tiftaħ f'Ottubru għal dawk it-tfal li twieldu bejn l-1 ta' Mejju u l-31 ta' Diċembru tal-istess sena. Aktar tard matul is-sena, jerġgħu jinfetħu klassijiet fil- Kinder għal dawk it-tfal li twieldu bejn l-1 ta' Jannar u t-30 t'April tas-sena ta' wara. Dan it-tfal jibdew l-iskola fi Frar.

**Importanti li t-tfal iridu jkunu jafu jużaw weħidhom it-toilet (fully toilet trained, mhux potty trained) qabel ma jibdew jattendu l-iskola.**

Il-ġenituri jridu jibagħtu ittre (email) l-iskola biex jinfurmaw li t-tfal tagħhom mhumiex toilet trained.

### Appuntamenti

Il-ġenituri/kustodji għandhom jagħmlu appuntament ma' membri tal-Amministrazzjoni jekk jinqala' l-bżonn. Dawn li ġejjin huma l-ħinijiet tal-iskola:

| Minn Settembru sa Mejju | |
|---|---|
| 8:30 am to 2:30pm (Main School) | 8:15 am to 2:15pm (Annexe) |

| Nofstanhari f'Ġunju | |
|---|---|
| 8:15 am to 12:00pm (Main School) | 8:15 am to 12:00pm (Annexe) |

## Appendiċi 1: Standards ta' Ikel u Xorb

Evita ikel li fih kontenut għoli ta' zokkor, melħ u xaħam. L-aħjar xorb għat-tfal huwa l-ilma. Meraq tal-frott jew ħaxix mingħajr zokkor miżjud huwa permess li jintbagħat l-iskola.

### Lista ta' ikel u xorb projbit l-iskola

- Ikel moqli
- Patata ċips
- Salami, bejken u laħam proċessat (bħal mortadella, luncheon meat, corned beef)
- Zalzett, chicken nuggets, bergers, *spring rolls, wontons, samosas*, pulpetti tal-ħut u kull tip ta' ikel miksi bil-panura
- Pizza mgħobbija b'toppings bħal salami, zalzett u ġobon
- Pastizzi, *sausage rolls* u *hot dogs*
- Kull tip ta' *nuts* (ġewż, lewż, ġellewż eċċ)
- Downats, kejkijiet bil-krema jew ġamm u kull tip ta' pasti
- Ċikkulata u ħelu*
- Jogarts u deżerti**
- Ċereali tal-fatra u *bars* tal-fatra (cereal bars)***
- Pakketti ta' savoury snacks
- Prodotti manifatturati biex inaqqsu l-piż
- Dips mixtrija lesti u kull tip ta' zlazi
- Kull tip ta' xorb li hu miżjud biz-żokkor huwa projbit.



**L-iskola hija "nut-free zone"**




* Dawn jinkludu: kull tip ta' ċikkulata, flakes taċ-ċikkulata, buttuni taċ-ċikkulata, bajd taċ-ċikkulata, gallettini biċ-ċikkulata, ħelu, chewing gum, frott niexef, marshmallows, qubbajt, krossants, wejfers, dlik taċ-ċikkulata u *spreads* ħelwin, ġelati

** Dawn għandu jkollhom inqas minn 2.5% ta' xaħam, 1.5% xaħam saturat u 10% zokkor

*** Dawn għandu jkollhom inqas minn 3 grammi ta' xaħam għal kull 100 grammau inqas minn 2 grammi ta' zokkor għal kull 100 gramma

## Appendiċi 2: Regoli tal-Imġiba

### INTRODUZZJONI

L-għan tal-iskola hu li toħloq ambjent fejn tħossok imwennes, protett u li jħeġġek. Se nżommu numru żgħir ta' regoli ħalli jgħinuna nibnu ambjent fejn nieħdu ħsieb xulxin fl-iskola u l-komunità. Aħna nippruvaw inkunu ġusti ma' xulxin u ma' kull student. Dan ifisser li nibqgħu kalmi, nisimgħu sew u nagħtu kas kif jaħsibha ħaddieħor. Nittrattaw kull student l-istess u nfaħħru lilu u l-għemejjel tajba tiegħu.

### GĦANIJIET

- **Sabiex inrawmu ambjent fejn kollox jimxi bl-ordni u fejn l-istudent iħossu maħbub**
- **Sabiex nikkoraġixxu lill-istudent jiżviluppa d-dixxiplina fuqu nnifsu**
- **Sabiex inħeġġu rispett lejn xulxin**

### PRINĊIPJI U VALURI

Dawn ir-regoli tal-imġiba huma mibnija fuq il-prinċipji u valuri ta' Bezzina u Fenech (2002) u Thody u oħrajn (2000). Il-prinċipji bażiċi jidhru f'dan il-mudell:




Dawn ir-regoli ħa jkunu mibnija fuq erba' sisien ta' imġiba pożittiva:

**Drittijiet**: kull student għandu d-dritt li jiġi smat b'rispett, li jsib min jisimgħu, li jħossu sigur u li għandu ċ-ċans jitgħallem f'ambjent ta' għożża u trankwillità.

**Responsabbilitajiet**: kull student hu responsabbli għal dak li jagħmel. L-istudenti se jkollhom l-opportunità li jitgħallmu u jirriflettu fuq il-konsegwenzi tal-azzjonijiet tagħhom.

**Regoli**: ir-regoli tal-iskola jiddeskrivu x'inhi l-imġiba mixtieqa mill-istudenti.

**Relazzjonijiet**: relazzjonijiet pożittivi huma mibnija fuq imġiba pożittiva. L-istudenti huma mħeġġin jiffurmaw u jżommu relazzjonijiet pożittivi bejniethom u mal-adulti.

## STRATEĠIJI SABIEX IR-REGOLI JIĠU MĦADDMA

L-iskola se tuża r-Regoli tad-Deheb ta' *Jenny Mosley* u r-regoli tal-imġiba tagħha sabiex ngħinu lill-istudent ikollu imġiba pożittiva.

**<u>Ir-Regoli tad-Deheb</u>**

- **Inkunu ġentili**
- **Inkunu qalbna tajba u ngħinu lil xulxin**
- **Naħdmu bil-għaqal u b'mod responsabbli**
- **Nieħdu ħsieb l-affarijiet tagħna u tal-oħrajn**
- **Nisimgħu sew lil xulxin**
- **Inkunu onesti**

**Dawn ir-Regoli tad-Deheb se jkunu f'postijiet prominenti fl-iskola. L-istudenti se jkunu infurmati b'dawn ir-regoli fl-*assembly* ta' filgħodu.**

### Ħin għall-Imġiba Pożittiva:

L-għalliema jippjanaw sessjonijiet ta' 10 minuti bil-għan li jkabbru r-rispett u l-fiduċja. L-istudent jitgħallem ukoll ipoġġi lilu nnifsu fiż-żarbun ta' ħaddieħor. F'dan il-ħin it-tfal jistgħu jiffurmaw ċirku fejn dak l-istudent li jkun qed jitkellem jista' jżomm ġugarell ħalli jinkoraġġixxi lil sħabu biex jisimgħuh. Is-sessjoni tista' tieħu ukoll il-forma ta' diskussjoni.

### Ċelebrazzjoni ta' dak li jkun intlaħaq mill-istudent:

L-għalliema jistgħu jagħżlu biex se jirrikonoxxu l-imġiba pożittiva eż: billi jfaħħru l-imġiba tajba u jużaw sistemi ta' premju fil-klassi jew jingħataw stikers.

## Konsegwenzi ta’ Imġiba Negattiva

Meta l-imġiba tkun xi ftit negattiva, l-għalliema se jwissu lill-istudent b’xi ħarsa jew billi jwiddbuh. Jistgħu jintużaw metodi oħra bħal jinbidel il-post tal-istudent biex joqgħod fuq siġġu ieħor bħal *Thinking Chair* fejn l-istudent ikun jista’ jaħseb fuq l-imġiba tiegħu; jista’ jintbagħat għand l-Assistent Kap jew għand il-Kap tal-Iskola biex dawn jikkoreġuh.

Jekk l-istudent jibqa’ jġib ruħu ħażin il-ġenituri jiġu avżati u jistgħu jintalbu sabiex jieħdu sehem f’laqgħa fejn jiġu diskuss kif jistgħu jiġu solvuti dawn il-problemi.

Jekk l-istudent jibqa’ juri imġiba mhix xierqa, jinkiteb Pjan Individwali tal-Imġiba għal dak l-istudent. Dan il-pjan jiġi mfassal mill-għalliema flimkien mal-membri tas-*psychosocial team* tal-Kulleġġ. Il-ġenituri jkunu mistiedna biex jieħdu sehem f’dan il-proċess. Dan il-Pjan tal-Imġiba jiġi rivedut minn żmien għal żmien.

## Konklużjoni

Bl-implimentazzjoni tar-regoli tal-imġiba qegħdin naħdmu sabiex bħala skola jkollna l-aħjar ambjent li jinkoraġġixxi imġiba tajba fost l-istudenti tagħna. Flimkien mal-ġenituri l-iskola għandha l-obbligu li toħloq mudell kif għandha tkun imġiba tajba u tgħin lill-istudenti biex dejjem iġibu ruħhom sew skont dan il-mudell.

Referenzi:

Bezzina, C. and Fenech, J. (2002) Classroom Management https://www.um.edu.mt/library/oar/bitstream/handle/123456789/19835/CLASSROOM%20MANAGEMENT.pdf?sequence=1&isAllowed=y

Jenny Mosley’s Golden Rules https://www.circle-time.co.uk/our-approach/golden-rules/

Thody, A., Gray, B. and Bowden, D. (2000) The Teacher’s Survival Guide, London and New York: Continuum.

# Appendiċi 3: Assenteiżmu


**Maria Regina College, Mosta Kindergarten Annexe**

**Triq Wied is-Sir, Mosta MST 2103**

☏ 25986810 mrc.mosta.pra@ilearn.edu.mt https://mrc.mostaa.skola.edu.mt/


**Nota ta' Assenteiżmu mill-Iskola**

Data: ________________

Għażiża Kap tal-Iskola,

It-tifel/tifla tiegħi ________________________ tal-Kinder/Klassi ___________ ma ġiex/ġietx skola f'dawn il-ġranet: __________________________________________________________ minħabba: (immarka fejn japplika)

- ☐ Appuntament Mediku (Sptar, Dentist, SpLD, eċċ)
  *(trid tintbagħat in-nota tal-appuntament)*
- ☐ Emerġenza familjari
- ☐ Raġuni oħra (jekk jogħġbok speċifika) ______________________

**NB: F'każ ta' mard, irid jiġi ppreżentat ċertifikat mediku kif ukoll il-*<u>medical certificate record card</u>* (MCRC) iffirmati mit-tabib. Dawn id-dokumenti jridu jiġu l-iskola mal-istudenti meta jerġa' jiġi lura wara l-iskola.**

| ______________________________ | ______________________ | _________________ |
|---|---|---|
| Isem tal-Ġenitur/Kustodja | Firma | Numru tal-Identità |

**Approvat / Mhux Approvat**

Rimarki:

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

Ms Antonella Ferrante
Kap tal-Iskola

“Li teduka lill-moħħ mingħajr ma teduka
lill-qalb mhux biżżejjed.”
— Aristotli

